# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum il-Ġimgħa, 13 ta’ Ġunju, 2025

**Kawża Nru. 14**

**Fl-Atti tal-Mandat ta’ Żgumbrament bin-Nru. 1880/2024 fl-ismijiet:**

**INDIS Malta Limited**

VS

**Grazia Auto Care Company Limited (C 18549)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ppreżentat mis-soċjeta’ **Grazia Auto Care Company Limited** fil-21 ta’ Novembru 2024, li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti:

> *tissospendi l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Żgumbrament bin-Numru 1880/2024 ibbażat fuq is-sentenza li llum għaddiet in ġudikat datata 3 t'Ottubru, 2023 u fl-ismijiet 'Indis Malta Limited v. Grazia Auto Care Company Limited' mogħtija*

> *mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili u dana prevja li jkun hemm eżitu finali u definittiv fir-Rikors imressaq minnha a tenur tal-Art. 46[2] tal-Kostituzzjoni Ta' Malta.*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti, diversament preseduta, datat is-26 ta' Novembru 2024 li permezz tiegħu l-atti ġew mgħoddija lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat **ir-Risposta** tas-soċjeta' **INDIS Malta Ltd** intavolata fl-20 ta' Diċembru 2024 (fol 33).

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Dicembru 2024.

Rat illi fl-udjenza tal-5 ta' Marzu 2025 semgħet lid-difensuri tal-partijiet u l-istess partijiet qablu, illi din il-Qorti tagħti deċiżjoni dwar l-istess illum anke in vista tal-fatt illi dawn il-proċeduri mexjin mal-proċeduri kostituzzjonali 513/2024ISB.

Rat is-sentenza *in parte* tal-Prim'Awla Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) deċiża minnha llum stess, fil-kawża **513/2024ISB** fl-ismijiet **Grazia Auto Care Company Limited vs INDIS Malta Ltd et**.

**Tqis:**

Illi t-talba odjerna u kif postulata, kif hawn fuq riprodotta, hija ppernjata esklussivament fuq il-premessa tas-soċjeta' rikorrenti illi sakemm ikun hemm eżitu finali tal-proċeduri kostituzzjonali 513/2024ISB, allura a bażi tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Zgumbrament għandu jitwaqqaf jew jiġi sospiż.

Tqis illi dan kollu gja ġie trattat fis-sentenza *in parte* mogħtija aktar kmieni llum fil-kawza quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) bin-nurmu 513/2024ISB u għalhekk issir referenza ampja għal dik is-sentenza *in parte* u a skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti tagħmel tagħha l-konsiderazzjonijiet hemmek magħmula għad-digriet odjern.

Tqis illi mill-bqija ma nġiebu ebda raġunijiet oħra da parti tar-rikorrenti *Grazia* għaliex din il-Qorti għandha tissospendi l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Zgumbrament 1880/2024 – u konsegwentament, din il-Qorti ma jifdlilha ebda triq oħra għajr illi tiċħad it-talba.

**GHALDASTANT**, din il-Qorti ser tgħaddi biex **tiċħad** it-talba tas-soċjeta' Grazia Auto Care Company Limited kif kontenuta fir-rikors minnha mressaq fil-21 ta' Novembru 2024.

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Onor. Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |